

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Hoge Raad der Nederlanden (L-Olanda) fit-3 ta' Awissu 2007 — Staatssecretaris van Financiën vs Heuschen & Schrouff Oriental Foods Trading BV

(Kawża C-375/07)

(2007/C 269/45)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

nazzjonali ma jaqblux rigward il-kriterji li jiġu adottati fl-ambitu ta' l-Artikolu 220(2) tal-KDK (⁴) sabiex jiġi ddeterminat jekk żball ta' l-awtorità doganali setax jiġi rrilevat minn min għandu jħallas it-taxxa?

(¹) Ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1196/1997/KE tas-27 ta' Ġunju 1996, li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ġerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda (ĠU L 170, p. 13).

(²) ĠU L 253, p. 1.

(³) ĠU L 212, p. 18.

(⁴) ĠU L 302, p. 1.

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Heuschen & Schrouff Oriental Foods Trading BV

Konvenut: Staatssecretaris van Financiën

Domandi preliminari

- 1) Il-folji, kif inhuma deskritti fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1196/97 tas-27 ta' Ġunju 1997 [...] (¹), jaqgħu taħt l-intestatura 1905 tan-nomenklatura magħquda, jekk minkejja li jkunu folji magħmula minn dqiq tar-ross, melħ u ilma, u li huma mnixxfin, ma jiġux sottoposti għal trattament termiku?
- 2) Fid-dawl tat-tweġiba għad-domanda preċedenti, ir-regolament iċċitat iktar 'il fuq jibqa' validu?
- 3) L-Artikolu 871 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjoni-jiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (²), kif emdat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1677/98 tad-29 ta' Lulju 1998 (³) għandu jiġi interpretat fis-sens li, fejn, skond l-imsemmi Artikolu 871(1), l-awtorità doganali għandha l-obbligu li tirreferi każ lill-Kummissjoni qabel ma tirrinunza milli twettaq irkupru *a posteriori* firrigward ta' tali każ, il-qorti nazzjonali, mitluba tiddċeciedi fuq rikors imressaq minn minn għandu jħallas it-taxxa kontra d-deċiżjoni ta' l-awtorità doganali li jsir irkupru *a posteriori*, m'għandhiex is-setgħa li tannulla l-irkupru *a posteriori* fuq il-premessa li ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet, fost liema l-Artikolu 220(2)(b), li jinvolu rinunza għall-irkupru *a posteriori*, bil-kontra ta' dak li temmen il-Kummissjoni?

- 4) Jekk ir-risposta għat-tielet domanda hija fis-sens li l-fatt li l-Kummissjoni tingħata ġertu kompetenza deċiżjonalier firrigward ta' l-irkupru tad-dazji doganali ma jinvolvix limitazzjoni tal-kompetenza tal-qorti nazzjonali mitluba tagħti deċiżjoni fuq rikors dwar l-irkupru tad-dazji doganali, id-dritt Komunitarju jinkludi dispożizzjoni oħra li tiggarrantixxi applikazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju ladarba, fkaż partikolari, il-kunsiderazzjoni-jiet tal-Kummissjoni u tal-qorti

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Hoge Raad der Nederlanden (l-Olanda) fit-3 ta' Awissu 2007 — Staatssecretaris van Financiën vs Kamino International Logistics BV

(Kawża C-376/07)

(2007/C 269/46)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Staatssecretaris van Financien

Konvenuta: Kamino International Logistics BV

Domandi preliminari

- 1) In-nota 5 tal-Kapitolu 84 tan-NM, skond il-verżjoni ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1789/2003 tal-11 ta' Settembru 2003, biex jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2658/87 (¹), għandha tkun interpretata fis-sens li monituri tal-kultur li jista' jittrażmetti sinjal li jkunu ġejjin minn magna li tipproċċesa data awtomatikament skond l-intestatura 8471 tan-NM, kif ukoll sinjal li ġejjin minn sorsi oħrajn, ma jistax jiġi kklassifikat fl-intestatura 8471 tan-NM?
- 2) Fil-każ fejn il-monituri imsemmi fid-domanda 1 jista' jiġi kklassifikat fl-intestatura 8471 tan-NM, liema huma c-ċirkus-tanzi li permezz tagħhom jista' jiġi stabbilit jekk dan il-monituri huwiex unità tat-tip li huwa eskluziżvament u prinċipalment użat f'sistema awtomatika li tipproċċesa d-data?